# INFORMATION SHEET

**IKUN IMFAĦĦAR ĠESÙ KRISTU !**

**AZZJONI KATTOLIKA MALTIJA**
**ISTITUT KATTOLIKU**
**FLORIANA FRN 1441**
**TEL: 21 222239/21 237031**
**Website: www.akmalta.org**
**Email:** infosheet@akmalta.org

**LULJU/AWWISSU 2010** **NUMRU 256**

## MADWARNA

**Għajnuna b'kull mod -** Nirringrazzja liċ-ċirkoli tal-Fergħa Nisa li offrew donazzjoni kif ġej : Sant Anna Rabat 30 ewro, Tarxien 25 ewro u St Irene Qormi San Bastjan 100 ewro. Grazzi mill-qalb tal-ġenerożita' tagħkom.

Nixtieq inħeġġeġ liċ-ċirkoli u gruppi kollha ta' kull Fergħa Adulti u Żgħażagħ biex is-sena soċjali li ġejja jieħdu ħsieb jorganizzaw tal-anqas attivita' waħda b'risq l-amministrazzjoni tal-AKM.

Infakkar lil dawk li jistgħu jagħtu daqqa t'id fil-manutezzjoni biex joffru ftit mill-ħin tagħhom, hemm ħafna xi jsir fis-sular tal-AKM fl-Istitut Kattoliku.

Dawk li forsi ma jistgħux jgħinuna la finanzjarjament u l-anqas fiżikament nitolbuhom biex jitolbu għalina u jsostnuna bit-talb tagħhom biex il-Mulej ikompli jagħtina l-qawwa w il-kuraġġ ħa nkomplu nwettqu l-missjoni li sejħilna għaliha.

**Seminar u Ċenaklu -** Il-membri tad-Direttorju Ġenerali nġbarna flimkien għal Seminar ta' ġurnata fejn għamilna studju profond ta' kif inhi s-sitwazzjoni tal-AKM bħalissa u x'direzzjoni rridu nieħdu fis-snin li ġejjin fis-soċjeta' u fid-dinja tal-lum. Il-membri impenjaw ruħhom bis-sħiħ waqt is-Seminar u morna tajjeb ħafna.

Għalaqna il-ġurnata biċ-Ċenaklu fejn ingħaqdu magħna id-Diriġenti tal-Kunsilli Ċentrali wkoll. Qsamna magħhom dak li għamilna matul il-ġurnata u ħdimna flimkien 'workshops' biex stajna naslu għal ritratt aktar ċar tal-AKM bħalissa.

**Laqgħa Ġenerali -** Waqt il-Laqgħa Ġenerali ridna nkomplu nibnu fuq dak li bdejna fis-Seminar u komplejna fiċ-Ċenaklu. Komplejna niftħu aktar in-numru ta' nies involuti f'dan il-proċess li bdejna billi issa involvejna lill-Kunsill Ġenerali kollu li fih hemm rappreżentanza taċ-ċirkoli kollha.

Wara l-preżentazzjoni tant kreattiva li waslitilna Ms Miriam Teuma, bl-għajnuna ta' Ms Marvic Debono, fejn rajna r-ritratt tal-AKM kellna preżentazzjoni oħra fejn rajna l-opportunitajiet u l-isfidi li qed toffrilna r-realta' tas-soċjeta' llum u fi ftit snin oħra.

Dan kollu wassalna biex nistaqsu dan kollu x'effett għandu fuq il-ħidma tal-AKM? X'direzzjoni se nieħdu fi twettiq tal-missjoni tagħna? Issa jmiss il-parti tagħkom u nħeġġiġkom biex twieġbu l-mistoqsijiet li għamilnilkom b'ħafna ħsieb u riflessjoni. Tinsewhomx!!
Carmen Agius
President Ġenerali

**Attivitajiet għax-Xħur ta' Lulju/Awwissu 2010**

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħamis 1 | Fergħa Nisa<br>Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fl-Istitut Kattoliku fid-9.30 a.m.<br>Kunsill Ċentrali fl-Istitut Kattoliku fis-6.00 p.m. |
| Il-Ħamis 1 sal-Ħadd 4 | Ż.A.K. | Leadership Training Seminars 1,2,and 3 fl-iskola primarja tax-Xgħajra |
| Il-Ħamis 8 | Fergħa Nisa | Laqgħa ma' Fr Chetcuti għall-membri kollha tal-Kunsill Ċentrali fl-Istitut Kattoliku fid-9.30 a.m. |
| Il-Ġimgħa 9 sal-Ġimgħa 16 | Ż.A.K. | Exchange Ż.A.K. B'buġia ma' eRko Slovakia Organizzat ġewwa Malta |
| Is-Sibt 10 | Ż.A.K. | Kick Off BBQ – Ftuħ tal-attivita' tas-Sajf – Little Armier mit-3.00 p.m. sal-11.00 p.m. għall-membri taż-Ż.A.K. |
| It-Tnejn 12 | Ż.A.K. | Laqgħa ta' Preparazzjoni għall-Kamp Sajf għall-leaders 20+ |
| It-Tlieta 13 | Direttorju | Laqgħa tad-Direttorju fil-5.00 p.m. fid-Dar taż-Ż.A.K. f'B'kara |
| It-Tlieta 13 sat-Tlieta 20 | Ż.A.K. | Exchange bejn Mosta 1994/5 u grupp mill-Fillandja, li se jiġi organizzat ġewwa Malta |
| Il-Ħamis 15 | Fergħa Nisa | Quddiesa ta' Ringrazzjament u tal-għeluq minn Fr. Chetcuti fil-Kappella ta' Loretu il-Gudja fis-7.00 pm. Wara se nieklu flimkien. |
| It-Tnejn 19 | Fergħa Rġiel | Laqgħa tal-Kunsill fil-5.30 p.m. |
| It-Tnejn 19 sal-Ħadd 25 | Ż.A.K. | Eurocamp AMASS – Exchange bejn pajjiżi differenti Ewropej li se jiġi organizzat miż-Ż.A.K. f'Malta |
| Il-Ġimgħa 23 sal-Erbgħa 4 ta' Awwisu | Ż.A.K. | Exchange bejn Ż.A.K. Mosta 1992/3 u grupp minn Preston, li se jiġi organizzat ġewwa l-Ingilterra |
| Il-Ġimgħa 30 sal-Erbgħa 4 ta' Awwissu | Ż.A.K. | Exchange bejn grupp minn Palermo u grupp ta' żgħażagħ miż-Ż.A.K. L-ewwel parti se ssir Malta Wara titkompla f'Palermo |
| It-Tnejn 9 sal-Ħamis 19 ta' Awwissu | Ż.A.K. | Exchange bejn Ż.A.K. Ibraġ u ATEITIS li se jiġi Orġanizzat fil-Litwanja |
| Il-Ġimgħa 20 sas-Sibt 21 ta' Awwissu | Ż.A.K. | Preparation weekend tal-Kamp Sajf |
| Il-Ħadd 22 | Ż.A.K. | Kamp Sajf One day away għal dawk li twieldu 1998 u 1999 |
| It-Tnejn 23 -24 | Ż.A.K. | Kamp Sajf sleepover 1 għal dawk li twieldu 1996 u 1997 |
| L-Erbgħa 25 -26 | Ż.A.K. | Kamp Sajf sleepover 2 għal dawk li twieldu 1995 u 1996 |
| Il-Ġimgħa 27 sal-Ħadd 29 | Ż.A.K. | Kamp Sajf Weekend għal dawk li twieldu bejn 1991 u 1994 |

## Fergħa Xebbiet Adulti –

Inħeġġu biex fejn hu possibbli nibqgħu nagħmlu l-laqgħa ta' kull ġimgħa fiċ-ċirkolu tagħna. Nistgħu norganizzaw xi attivitá għall-membri taċ-ċirkolu biex inżommu aktar kuntatt. Nixtiequ lil kulħadd Sajf ta' mistrieħ.

# Ħinijiet Tas-Sajf fl-Istitut Kattoliku:

i. Mil-1 sal-31 ta' Lulju 2009 mit-8.30 a.m. sas-7.00 p.m.

ii. Mill-1 sal 31 ta' Awwissu 2009 mit-8.30 a.m. sas-1.00 p.m.

iii. Mill-1 ta' Settembru 'l quddiem mit-8.30 a.m. sad-9.00 p.m.

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITA'

***SOLIDARJETA'*** Il- Programm 'Solidarjetà' li jixxandar fuq Radju Malta kull nhar ta' Ħadd, fix-xahar ta' Lulju u Awwissu jixxandar fis-7.15p.m.

Dawn huma id-dati tal-Programm tagħna għal Lulju u Awwissu 2010.

Lulju: - 4, 11, 18, u 25 Awwissu : 1, 8, 15, 22 u 29

-----------------.

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA L-AZZJONI KATTOLIKA

***Servizz bil-Minibuses***

Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunita'

Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikulta' ċemplu l-uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom.

Il-Ħamis, 1 ta' Lulju 2010, Festa tal-Beatu Nazju Falzon,
Patrun tas-Segretarjat Assistenza Soċjali

*SAN MIKIEL TAL-QADDISIN KOLLHA, PATRUN TAL-MORDA BIL-KANĊER*
*SOLIDARJETA' FIT-TALB MA' ĦUTNA MORDA BIL-KANĊER*
*QUDDIESA, IL-ĠIMGĦA, 2 TA' LULJU 2010 FIS-6.30 P.M.*

Il-Membri kollha tal-Azzjoni Kattolika huma mistiedna għal din il-Quddiesa fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt, biex nitolbu għall-morda bil-Kanċer u l-familjari tagħhom.



# DAR FAMILJA MQADDSA – NAXXAR

EJJEW U ĠIBU L-FAMILJARI U ĦBIEB TAGĦKOM
GARDEN DINNER – IS-SIBT 17 TA' LULJU 2010 FIS-7.15 P.M.
FIL-ĠONNA TAD-DAR TAL-ANZJANI TAN-NAXXAR
LI TMEXXI L-AZZJONI KATTOLIKA



Jekk kull ċirkolu jibbukkja mejda jew tnejn nimlew il-ġnien malajr. Tieħdu pjaċir żgur għax l-esperjenza tal-aħħar snin hekk uriet u tkunu qed tgħinu lid-Dar tal-Anzjani,

DAR FAMILJA MQADDSA – Naxxar
Immexxija mill-Azzjoni Kattolika.

Booking 21410015 / 21438025

Prezz Kbar € 14 Tfal € 5




Għandek okkażjoni u trid tagħti rigal b'differenza?

Mela asal wasla sal-Librerija tal-Azzjoni Kattolika l-Floriana

Wieħed isib:

Varjeta' ta' rigali, kif ukoll kull tip ta' kotba reliġjużi bil-Malti u bl-Ingliż – għal kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi u ħafna affarijiet oħra. Issibu ukoll servizz ta' 'binding'. Jistgħu jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.






Hinijiet tal-Ftuħ: Lulju :Matul il-ġimgħa – mid-9.00 sa nofsinhar u mill-16.00 sas 19.00 u s-sibt filgħodu biss.

Awwissu: Magħluqin

Tel: 21 237031




Għalhekk ixtri r-rigali tiegħek minn din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lill-Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.



**OFFERTA SPEĊJALI**

**Għażel 5 kartolini għall-prezz ta' EUR 1.00**



# L-Azzjoni Kattolika… u lil'hinn minnha

Fl-aħħar laqgħa ġenerali tkellimna ftit fuq is-sitwazzjoni ta' madwarna. Hawn taħt qed nerġgħu nirrepetu dak li għidna ħalli jkollna ċans nirriflettu iktar. Il-punti li qajjimna kienu dawn:
Soċjeta' pluralista -jiġifieri sar hawn aċċess għal aktar minn opinjoni waħda fuq l-istess suġġett.

Ir-relattiviżmu jiddomina madwarna - Kull opinjoni hi tajba …m'hemmx verita' waħda. Qegħdin f'soċjeta' fejn bl-ingliż ngħidu - *That's true for you but not for me!*

Is-soċjeta' aktar qed issir anzjana.
Is-soċjeta' tagħna hija waħda mill-iktar soċjetajiet li għandha żgħażagħ bi ħxuna żejda. Barra minn hekk waħda minn kull disa persuni qed tiġi milquta minn problemi mentali f'xi mument f'ħajjitha, waqt li waħda minn kull tlieta jikkonsultaw tabib tal-familja b'mard b'aspett psikjatriku.
Il-faqar fost it-tfal kien 18% fl- 2007. It-tfal li huma f'riskju ta' faqar huma dawk li ġejjin minn ġenituri waħedhom. Ir-riskju fuq dawn it-tfal huwa ta' 55%.

Hawn żieda fl-ateiżmu u l-moviment anti-ekkleżjali qed jikber.
L-ammont ta' separazzjonijiet qed jiżdied b'rata mgħaġġla.

Fl-istess hin il-Knisja:

- Għandha nuqqas ta' vokazzjonijiet saċerdotali
- Qed tagħti aktar importanza lill-ħidma tal-lajċi
- Għandha Il-komunita' tal-fidili fil-minoranza
- Ghandha anqas awtorita' u saħħa fis-soċjeta'

Kif se nużaw it-tajjeb tagħna biex naħdmu fis-soċjeta' ta' llum? Kif se naffaċċjaw l-isfidi li qed inħossu biex inkunu aktar utli fis-soċjeta' u nwettqu l-missjoni tagħna?
Nixtieq li kulħadd jieqaf u jirrifletti u jiddiskuti dan. Inħeġġu lil kull fergħa, moviment u ċirkolu biex taħseb/jaħseb fit-tlett bidliet li jistgħu jagħmlu biex jolqtu aktar is-soċjeta' ta' llum.

Nippruvaw nikkomunikaw dawn l-ideat mad-direttorju wara s-sajf.

Miriam Teuma